

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 21.4.2009
KUMM(2009) 189 finali

2009/0057 (CNS)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi pjan multiannwali għall-istokk tal-Punent ta' Sawrell tal-Atlantiku u s-sajd li jisfrutta dak l-istokk

{SEC(2009) 524}
{SEC(2009) 525}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

KUNTEST TAL-PROPOSTA

Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Din il-proposta tistabbilixxi pjan fit-tul għall-ġestjoni tal-istokk tal-Punent ta' Sawrell tal-Atlantiku (*Trachurus trachurus*) u s-sajd li jisfrutta dan l-istokk, u tinkorpora fi pjan wieħed l-istadji kollha previsti fil-pjanijiet ta' rkupru u ta' mmaniġġjar [ġestjoni] msemmija fl-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd¹ [il-Politika Komuni tas-Sajd]. Il-pjan huwa maħsub biex jiżgura li l-isfruttar ta' dan l-istokk ikun iggwidat lejn l-ogħla rendiment sostenibbli, fuq il-bażi tal-pariri xjentifiċi, u li tiġi żgurata l-istabbiltà għas-settur tas-sajd. Dawn l-għanijiet huma konformi mal-għanijiet tal-paragrafu 30 tal-Pjan ta' Implimentazzjoni tas-Samit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli, li sar f'Johannesburg fl-2002, kif adottat fir-Riżoluzzjoni 2 ta' din il-konferenza², kif ukoll ma' daww tal-Politika Komuni tas-Sajd kif jinsabu fl-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd [tas-Sajd].

Il-pjan huwa t-tieni wieħed li jirrigwarda stokk pelaġiku fl-ilmijiet tal-Komunità, wara r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1300/2008 tat-18.12.2008 li jistabbilixxi pjan pluriennali [multiannwali] għall-istokk ta' aringi li jinsabu fil-Punent tal-Iskozja. Għal stokkijiet pelaġiċi mifruxa ferm, li huma ġestiti b'mod konġunt ma' stati kostali fit-Tramuntana tal-Atlantiku, diġà huma stabbiliti arranġamenti ta' ġestjoni miftiehma bilateralmment jew multilateralmment, l-aktar għall-Kavalli tal-Grigal tal-Atlantiku, għall-Istokkafixx, l-aringi AtlantoSkandjani u l-aringi tal-Baħar tat-Tramuntana.

L-istokk tal-Punent tas-sawrell tal-Atlantiku huwa bil-kbir l-aktar wieħed importanti mit-tliet stokkijiet ta' sawrell li jgħixu fuq il-blata kontinentali tal-Komunità. Is-sistema attwali ta' ġestjoni ma tantx qed tagħmel għid lill-qagħda tas-sawrell. Konsiderazzjonijiet tal-pariri xjentifiċi fuq bażi *ad hoc* jixxejjku mill-fatt li ż-żoni tal-istokkijiet li fuqhom jingħataw il-pariri xjentifiċi ma jikkoinċidux maż-żoni li għalihom huma stabbiliti l-qabdiet totali permissibbli. Huwa previst li l-problema ta' nuqqas ta' tqabbil bejn dawn iż-żewġ żoni tiġi solvuta permezz ta' pjan ta' ġestjoni fit-tul. Il-parir xjentifiku għall-istokk huwa bbażat biss fuq valutazzjoni inferjuri. Bħala l-aktar sors importanti ta' informazzjoni indipendenti mis-sajd, l-istħarriġ internazzjonali dwar il-bajd ilu jsejtn fuq bażi ta' perjodi ta' kull tliet snin mill-1977. Id-dejta li tirriżulta u informazzjoni komplementari sa issa ma ppermettewx li-xjenzjati tas-sajd jikkonkludu dwar valutazzjoni sħiħa tal-istokk.

Mhux straordinarju li l-parir xjentifiku għal stokk partikolari ma jkunx jista' jiġi bbażat fuq valutazzjoni sħiħa tal-istokk. Ir-raġunijiet għan-nuqqasijiet fil-pariri xjentifiċi huma bosta, u jinkludu, pereżempju, kwalità mnaqqsa tad-dejta dwar oqsma tas-sajd li sejrjn lura. Sa issa, il-Kummissjoni introduċiet pjanijiet ta' ġestjoni biss għal stokkijiet li l-qagħda tagħhom hija relattivament mifhuma sew, u żiedet dispożizzjonijiet għal kundizzjonijiet temporanji ta' nuqqas ta' dejta. Fil-każ tas-sawrell, minkejja li tjejb maż-żmien, l-għarfien dwar l-istokk xorta għadu batut. Wara interess qawwi mis-settur pelaġiku għal ġestjoni fit-tul abbażi tax-

¹ ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59

² Dokument tan-NU, A/CONF.199/20**

xjenza mill-informazzjoni bijoloġika diġà disponibbli, u mħeġġeġ mill-parir xjentifiku li japprova ġestjoni bbażata fuq indikaturi bijoloġiċi għax-xejriet fis-saħħa tal-istokk, dan ir-Regolament iqiegħed ir-riżultati tal-istħarriġ dwar il-bajd, li huma indikatur bijoloġiku għaż-żieda jew tnaqqis tal-istokk, fiċ-ċentru tar-regola dwar il-kontroll tal-ħsad, li ġiet ittestjata għar-riskji permezz tal-immudellar xjentifiku. Fid-dawl tal-klawsola ta' reviżjoni inkorporata fil-pjan, ir-regola dwar il-ħsad tista' tiġi adattata għal valutazzjonijiet xjentifiċi aktar preċiżi ladarba dawn ikunu disponibbli.

Kuntest ġenerali

Fl-2002, l-Istati Membri kienu firmatarji tal-Pjan ta' Implimentazzjoni tas-Samit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli (Johannesburg). Dak il-Pjan ta' Implimentazzjoni jinkludi impenn biex l-istokkijiet jergġu jinbnew għall-ogħla rendimenti sostenibbli (MSY) sal-2015.

Barra minn hekk, matul ir-riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd fl-2002, il-Kummissjoni u l-Kunsill qablu li jimplimentaw pjanijiet multiannwali u pjanijiet ta' rkupru dwar riżorsi tas-sajd ta' interess għall-Komunità. Ġew stabbiliti pjanijiet għall-parti l-kbira tal-istokkijiet tal-merluzz fl-ibħra Komunitarji, żewġ stokkijiet tal-marlozz, żewġ stokkijiet tan-*Nephrops*, żewġ stokkijiet tal-lingwata u l-istokkijiet tal-barbun tat-tbajja' u tal-lingwata fil-Baħar tat-Tramuntana, u għall-istokk tal-arinġi fil-Punent tal-Iskozja.

Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd jistipula l-qafas ġenerali għall-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd.

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1542/2007 jistabbilixxi regoli dwar il-ħatt l-art u użin u l-ispezzjoni għall-arinġi, kavalli u sawrell. Se tkun meħtieġa estensjoni taż-żona tal-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament, sabiex jiġu koperti ż-żoni kollha tal-qbid tas-sawrell tal-Punent.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/1998 dwar il-miżuri tekniċi, fiha dispożizzjonijiet speċifiċi għall-ħatt l-art ta' sawrell żgħir wisq, u jirrestrinġi l-użu ta' tagħmir għall-gradazzjoni awtomatika abbord il-bastimenti li jistadu għal din l-ispeċi.

Il-konsistenza mal-politiki u mal-għanijiet l-oħrajn tal-Unjoni

L-għan tal-proposta għal żvilupp sostenibbli huwa konsistenti mal-politika ambjentali tal-Komunità, l-aktar mal-elementi ta' dik il-politika li jittrattaw il-ħarsien tal-ħabitati naturali u l-preservazzjoni tar-riżorsi naturali.

KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJET INTERESSATI U VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Konsultazzjoni mal-partijiet interessati

Metodi ta' konsultazzjoni, is-setturi ewlenin fil-mira, u l-profil ġenerali tal-partiċipanti

Il-partijiet interessati ġew ikkonsultati permezz ta' komunikazzjoni mal-Kunsill Konsultattiv Reġjonali pelagiġiku (PelRAC). Dan il-korp ġie stabbilit għal konsultazzjonijiet ma' partijiet li għandhom interess fil-Politika Komuni tas-Sajd fir-rigward tal-istokkijiet pelaġiċi tal-ħut. Il-membri tiegħu ġejjin mis-settur tal-qbid

(sidien tal-bastimenti, sajjieda fuq skala żgħira, sajjieda impjegati u organizzazzjonijiet tal-produtturi), minn proċessaturi u kummerċjanti, minn NGOs ambjentali, minn produtturi tal-akkwakultura u mis-soċjetà ċivili rikreattiva. Peress illi l-inizjattiva għal pjan ta' ġestjoni għas-sawrell tal-Punent ġiet mill-PelRAC innifsu, id-diskussjonijiet saru mat-tressiq formali tal-proposta tal-PelRAC matul l-2007 u l-2008, fil-grupp ta' ħidma II tal-PelRAC (iddedikat għall-istokkafixx, il-laċċa kaħla u s-sawrell) u mal-kumitat eżekuttiv tiegħu.

Il-Kummissjoni kkomunikat ukoll lill-Istati Membri l-intenzjoni tagħha li tifformalizza l-proposta tal-PelRAC, matul l-aktar diskussjonijiet reċenti dwar ir-riorganizzazzjoni taż-żoni tat-TAC għas-sawrell tal-Atlantiku, li hija prerekwiżit għal regola dwar il-kontroll tal-ħsad ibbażata fuq l-iżvilupp ta' TACs għal stokkijiet speċifiċi u fuq sħarriġ dwar il-bajd ta' stokkijiet speċifiċi. Din id-diskussjoni mal-Istati Membri u mal-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura ilha għaddejja minn Mejju tal-2008.

Sinteżi tar-reazzjonijiet u kif tqiesu

Ġbir u użu tal-għarfien espert

Oqsma xjentifiċi/ta' għarfien espert ikkonċernati

L-għarfien espert intalab mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) fir-rigward tal-ġestjoni fit-tul tar-riżorsi tas-sajd li huma ta' interess għall-Komunità Ewropea. L-organizzazzjoni tiġbor l-għarfien espert tax-xjenzjati dwar is-sajd li jaħdmu l-aktar fil-laboratorji nazzjonali tas-sajd tal-Istati Membri u tipprovdi pariri sistematiċi u standardizzati lill-Komunità Ewropea u lill-Istati Membri. Il-parir mogħti mill-ICES tressaq lill-Kumitat Xjentifiku Tekniku u Eknomiku tal-Kummissjoni (STECF).

Sinteżi tal-pariri li ngħataw u ntużaw

Il-bijomassa tal-istokk riproduttiv (SSB) tal-istokk tas-sawrell tal-Punent ġiet iddominata minn klassi straordinarja fl-1982 (~18-il darba tal-medja fit-tul). Din il-klassi tas-sena gradwalment tnaqqset bis-sajd, filwaqt li r-reklutaġġ baqa' baxx, biex b'hekk l-SSB naqas b'mod konsistenti mill-quċċata tiegħu fl-1988, iżda mill-2001 għallinqas kompli b'xejra stabbli. Il-mortalità mis-sajd għal dan l-istokk titqies bħala baxxa, u r-reklutaġġ tal-istokk fl-2001 jitqies bħala partikolarment qawwi, li se jipprovdi kapaċità riproduttiva robusta għal ċertu żmien fil-ġejjieni. Id-deterjorazzjoni fit-tul, l-orjentazzjoni mill-ġdid ta' taqsimiet kbar tal-industrija tas-sajd lejn l-individwi żgħar, l-imġiba riproduttiva "indeterminata", u kampjunar insuffiċjenti tal-attività tas-sajd iwasslu għal diffikultajiet biex jingħata parir dwar il-ġestjoni sostenibbli abbażi ta' serje ta' qabdiet maż-żmien u mal-produzzjoni stmata tal-bajd. B'risposta għal talba konġunta mill-UE u n-Norveġja biex l-ICES "tagħti parir dwar sistemi ta' ġestjoni xierqa, fosthom strateġiji ta' ġestjoni, għanijiet u konsiderazzjonijiet ekosistemiċi" għall-istokk, diversi approċċi għall-valutazzjoni tal-istokkijiet u ta' ġestjoni abbażi ta' studju ta' simulazzjoni ġew studjati għall-ewwel darba fl-2005³.

³ Rapport tal-Grupp *ad hoc* dwar Pariri għall-Medda t-Twila (AGLTA). (2005b) 126. 12–13 April 2005, Kwartieri ġenerali tal-ICES. Dokument tal-ICES CM 2005/ACFM: 25.

Fl-2006, l-ICES għall-ewwel darba kienet tal-fehma li r-regoli għall-kontroll tal-ħsad abbażi tax-xejriet fid-dejta mill-istħarriġ dwar il-bajd dehru promettenti⁴. Saru simulazzjonijiet fi ħdan il-Grupp ta' Studju dwar l-Istrateġiji ta' Ġestjoni fl-2006 u l-2007, kif mitlub mill-UE u n-Norveġja flimkien⁵. Abbażi ta' dan ix-xogħol u meġġun minn grupp separat ta' xjenzjati, il-PelRAC ippreżenta lill-Kummissjoni abbozz ta' pjan ta' ġestjoni f'Lulju 2007⁶. Il-Kummissjoni talbet lill-ICES għal valutazzjoni ta' dan il-pjan. Fl-2007, l-ICES ikkonkludiet li l-pjan kien konsistenti mal-approċċ prekawzjonarju fil-medda l-qasira, iżda mhux fl-istadji aktar avvanzati tal-perjodu ta' simulazzjoni ta' 40 sena. L-ICES ibbażat l-aktar pariri reċenti tagħha fuq il-pjan propost⁷. L-STEFCF approva l-konklużjonijiet tal-ICES⁸.

Il-Komunità Ewropea ffinanzjat ukoll proġett ta' riċerka dwar l-identità tal-istokk tas-sawrell⁹. Din il-proposta hija msejsa fuq il-pariri riċevuti.

Mezzi li ntużaw biex l-għarfien espert ikun disponibbli pubblikament

Il-parir tal-ICES u l-STEFCF jista' jinkiseb mill-pubbliku mis-siti elettroniċi rispettivi tagħhom (www.ices.dk u fishnet.jrc.it/web/stecf).

Valutazzjoni tal-impatt

Il-valutazzjoni tal-impatt hija bbażata fuq tliet tipi ta' kontribut:

- Il-konsultazzjonijiet mal-PelRAC, abbażi tal-immudellar xjentifiku tar-regoli dwar il-kontroll tal-ħsad;
- Analiżijiet bijoloġiċi mwettqa mill-STEFCF u l-ICES;
- Analiżi ekonomika tat-taqsimiet tal-flotta involuti fis-sajd, abbażi ta' informazzjoni miġbura fir-Rapporti Ekonomiċi Annwali tal-Kummissjoni dwar ir-rendiment ta'

⁴ ICES, 2006. Ir-Rapport tal-Kumitat Konsultattiv tal-ICES dwar il-Ġestjoni tas-Sajd, il-Kumitat Konsultattiv dwar l-Ambjent tal-Ibħra u l-Kumitat Konsultattiv dwar l-Ekosistemi, 2006. Parir tal-ICES, Ktieb 9, p.7.

⁵ Rapport ICES SGMAS 2007. Rapport tal-Grupp ta' Studju dwar l-Istrateġiji ta' Ġestjoni (SGMAS), p. 28. ICES CM 2007/ACFM:04.

⁶ Abbażi tal-istudju "Lejn pjan ta' ġestjoni għas-sawrell tal-Punent", grupp *Ad hoc* ta' xjenzjati f'kollaborazzjoni mal-membri tar-RAC Pelaġiku, RAC Pelaġiku et al., 2007

⁷ ICES, 2007. Ir-Rapport tal-Kumitat Konsultattiv tal-ICES dwar il-Ġestjoni tas-Sajd, il-Kumitat Konsultattiv dwar l-Ambjent tal-Ibħra u l-Kumitat Konsultattiv dwar l-Ekosistemi, 2007. Parir tal-ICES, Ktieb 9, p.13 u 55.

⁸ Rapport tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd. Reviżjoni tal-pariri xjentifiċi għall-2007. Parir konsolidat dwar l-istokkijiet ta' interess għall-Komunità Ewropea fiż-żoni tal-ICES, approvat fis-26 sessjoni Plenarja tal-STEFCF f'Novembru 2007, <http://www.ices.dk/products/icesadvice.asp>

⁹ Proġett HOMSIR, A multidisciplinary approach using genetic markers and biological tags in horse mackerel (*trachurus trachurus*) stock structure analysis, (Approċċ multidixxiplinari bl-użi tal-markaturi ġenetiċi u t-teggs bijoloġiċi fl-analiżi tal-istokk tas-sawrell (*trachurus trachurus*) QLK5-Ct1999-01438. Sinteżi minn Abaunza et al., Stock identity of horse mackerel (*Trachurus trachurus*) in the Northeast Atlantic and Mediterranean Sea Integrating the results from different stock identification approaches (L-identità tal-istokk ta' sawrell (*Trachurus trachurus*) fil-Grigal tal-Atlantiku u fil-Baħar Mediterran bl-integrazzjoni tar-riżultati minn approċċi differenti għall-identifikazzjoni tal-istokk), Fisheries Research 89 (2008) 2, 196.

flotot tas-sajd partikolari tal-UE.

Il-valutazzjoni tal-impatt se tkun disponibbli fuq il-websajt tad-DG MARE u fuq is-sit elettroniku tal-Kummissjoni rriżervata għall-aċċess għall-valutazzjonijiet tal-impatt.

ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Bażi legali

Il-bażi legali biex jiġu stabbiliti pjanijiet fit-tul hija l-Artikolu 37 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Prinċipju ta' sussidjarjetà

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Komunità. Għalhekk il-prinċipju ta' sussidjarjetà ma japplikax.

Prinċipju ta' proporzjonalità

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Tintroduċi regola li tiggwida l-istabbiliment ta' opportunitajiet annwali tas-sajd biex b'hekk tipprovdi l-prevedibbiltà lis-settur privat u l-limiti tal-ħsad li jsegwu l-qagħda bijoloġika tal-istokk.

IMPLIKAZZJONI GĦALL-BAĖIT

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit Komunitarju.

TAGĦRIF ADDIZZJONALI

Klawżola ta' valutazzjoni/reviżjoni/terminazzjoni

Il-proposta tinkludi dispożizzjoni li tipprovdi għal evalwazzjoni ta' miżuri ta' ġestjoni kull sitt snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament.

Il-parir xjentifiku jindika li l-pjan huwa prekawzjonarju u jipprovdi riskju baxxa ħafna li l-istokk imur lura fil-medda l-qasira. Ir-raġuni għall-kwalifika li tillimita din id-dispożizzjoni għall-medda l-qasira hija li r-regola għall-kontroll tal-ħsad tiggarrantixxi qabda minima ta' 54% tal-limiti tal-qbid reċenti, anke fil-każ fejn ir-reklutaġġ għall-istokk ikun sejjer lura kontinwament. L-ewwel TAC stabbilit - għall-2010 - ikun ibbażat fuq ix-xejra pożittiva li tirriżulta mill-istħarriġ tal-2007 fuq il-bajd. It-tieni eżerċizzju ta' stabbiliment tat-TAC ikun adattat sabiex iqis ir-riżultati provviżorji mill-istħarriġ dwar il-bajd fl-2010. Dan it-TAC imbagħad jintuża darbtejn. Wara t-tieni adattament tat-TAC (għall-2014), issir reviżjoni li tiżgura li r-regola għall-kontroll tal-ħsad tiġi adattata għal kwalunkwe sinjal straordinarjament b'saħħtu ta' tnaqqis tal-istokk. Barra minn hekk, kull meta l-pariri xjentifiċi jissuġġerixxu li r-regoli tal-ħsad ibbażati fuq l-istħarriġ dwar il-bajd ma jkunux għadhom tajbin biex jiġi żgurat sfruttar prekawzjonarju, il-Kunsill jista' jiddeċiedi li jimmodifika l-punt ta' referenza fi kwalunkwe ħin.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi pjan multiannwali għall-istokk tal-Punent ta' Sawrell tal-Atlantiku u s-sajd li jisfrutta dak l-istokk

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni¹⁰,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew¹¹,

Billi:

- (1) Fid-dawl tal-Pjan ta' Implimentazzjoni adottat fis-Samit Dinji tan-NU dwar l-Iżvilupp Sostenibbli adottat f'Johannesburg fl-2002, il-Komunità Ewropea hija impenjata *inter alia* sabiex iżomm jew treġġa' lura l-istokkijiet għal livelli li jistgħu jipproduċu l-ogħla rendiment sostenibbli, bl-għan li dawn l-għanijiet jinkisbu b'urġenza għall-istokkijiet eżawriti, u fejn hu possibbli mhux aktar tard mill-2015. Il-Politika Komunitas-Sajd, skont l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd¹² [il-Politika Komuni tas-Sajd], hija mmirata li tiżgura sfruttar tar-riżorsi akkwatiċi haġġin li jipprovdi kundizzjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali sostenibbli.
- (2) L-istokk tal-Punent huwa ekonomikament l-aktar stokk importanti ta' sawrell li jgħix fl-ilmijiet tal-Komunità. L-informazzjoni bijoloġika dwar dan l-istokk mhix biżżejjed għal valutazzjoni sħiħa tal-istokk li tippermetti l-istabbiliment ta' mira għall-mortalità mis-sajd relatata mal-ogħla rendiment sostenibbli u biex il-qabdiet totali permissibbli jkunu relatati mal-previżjonijiet xjentifiċi tal-qabdiet. Madankollu, l-indiċi tal-abbundanza tal-bajd li ilu jiġi kkalkulat mill-1977 fi sħarriġ internazzjonali triennali jista' jintuża bħala indikatur bijoloġiku għall-iżvilupp tad-daqs tal-istokk.

¹⁰ ĠU C, p.

¹¹ ĠU ...

¹² ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59

- (3) Il-parir mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (I-STEFCF) jindika li regola għall-kontroll tal-ħsad abbażi tax-xejriet fl-abbundanza tal-bajd mill-aħħar tliet sħarriegiet tal-bajd tkun tipprovdi għal ġestjoni sostenibbli tal-istokk.
- (4) Għal għadd ta' snin mill-2003, il-parir xjentifiku prekawzjonarju indika li l-qabdiet għall-kavalli tal-Punent għandhom ikunu taħt il-150 000 tunnellata fis-sena, abbażi tal-premessa li dan iżomm l-isfruttar għal-livell sostenibbli, saħansitra fin-nuqqas kontinwu ta' avveniment ta' reklutaġġ straordinarjament b'saħħtu. Regola għall-kontroll tal-ħsad għandha tkun ibbażata, fuq bażi ugwali, kemm fuq dan il-parir prekawzjonarju kif ukoll fuq TAC li jkompli jiġi aġġustat b'fattur li jirrifletti x-xejriet fil-produzzjoni tal-bajd.
- (5) Ir-regoli għall-kontroll tal-ħsad jeħtieġ li jqisu l-ħut mormi lura, inkluż ħut meħlus, għaliex kull tneħħija mill-istokk hija rilevanti.
- (6) Iż-żoni li għalihom jiġu stabbiliti limitazzjonijiet annwali għall-qabdiet totali ta' sawrell ma jikkoinċidux mad-delimitazzjonijiet tal-istokk ta' sawrell tal-Atlantiku. Fil-kuntest tal-istabbiliment tal-opportunitajiet tas-sajd għall-2009, il-Kunsill u l-Kummissjoni ħadu l-impenn li jqassmu mill-ġdid dawn iż-żoni tat-TAC sabiex dan il-pjan ikun jista' jaħdem sewwa.
- (7) L-istokk huwa primarjament imqassam f'ilmijiet Komunitarji u Norveġiżi. In-Norveġja għandha interess fl-isfruttar tas-sawrell tal-Punent. L-istokk sa issa mhux soġġett għal ġestjoni konġunta.
- (8) Bil-ħsieb li tiġi żgurata l-konformità mal-miżuri kif stabbiliti f'dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati miżuri speċifiċi ta' kontroll flimkien ma dawk misjuba fir-Regolament tal-Kunstill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-politika tas-sajd komuni¹³ [il-Politika Komuni tas-Sajd], kif ukoll ma' dawk ipprovduti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1542/2007 tal-20 ta' Diċembru 2007 dwar il-proċeduri ta' ħatt l-art u użin ta' aringi, kavalli u sawrell¹⁴. Dawn il-miżuri b'mod partikolari għandhom ipattu għal nuqqasijiet fir-rappurtar marbuta maż-żoni u mal-ispeċijiet.
- (9) Huwa xieraq li tiġi żgurata l-evalwazzjoni perijodika tal-pjan u, fejn evalwazzjoni bħal din turi li r-regoli għall-kontroll tal-ħsad ma jkunux għadhom jiżguraw l-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tal-istokkijiet, għandu jiġi żgurat l-adattament tal-pjan.
- (10) Għall-iskopijiet tal-punti (i) u (iv) tal-Artikolu 21(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 tas-27 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd¹⁵ il-pjan għandu jkun pjan ta' rkupru skont it-tifsira tal-Artikolu 5 Regolament (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd¹⁶, [il-Politika Komuni tas-Sajd] meta d-daqs tal-istokk riproduttiv ikun stmat li huwa inqas minn 130% tad-daqs tiegħu fl-1982, meta kien iġġenera reklutaġġ straordinarjament kbir, u

¹³ GÜ L 261, 20.10.1993, p. 1.

¹⁴ GÜ L 337, 21.12.2007, p. 56.

¹⁵ GÜ L 223, 15.8.2006, p. 1.

¹⁶ GÜ L 358, 31.12.2002, p. 59.

għandu jkun pjan ta' ġestjoni fil-każijiet l-oħra kollha. Stokk riproduttiv ta' 130% meta mqabbel mad-daqs fl-1982 jindika l-livell prekawzjonarju tal-bijomassa.

- (11) L-istabbiliment u l-allokazzjoni ta' opportunitajiet ta' sajd u l-iffissar ta' referenzi bijoloġiċi huma miżuri ta' importanza ewlenija fil-Politika Komuni tas-Sajd u għandhom impatt dirett fuq is-sitwazzjoni soċjoekonomika tal-flotot tas-sajd tal-Istati Membri. Huwa xieraq li l-Kunsill jirriserva għalih innifsu d-dritt li jeżerċita poteri diretti ta' implimentazzjoni fejn jidħlu dawn il-każijiet speċifiċi.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

SUĠĠETT, AMBITU U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi pjan fit-tul għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-istokk tal-Punent tas-sawrell (minn issa 'l quddiem 'il-pjan').

Artikolu 2

Ambitu

Il-pjan għandu japplika għall-istokk ta' sawrell li jgħix fl-ilmijiet tal-KE u daww internazzjonali tad-Diviżjonijiet tal-ICES IIa, IVa, Vb, VIa, VIb, VII a, b, c, e, f, g, h, j, k, VIIIa, b, c, d u e.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom jgħoddu d-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) “ICES” tfisser il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar, u “Diviżjoni tal-ICES” hija reġjun statistiku tas-sajd, kif definit minn dik l-organizzazzjoni;
- (b) "sawrell tal-Punent" tfisser sawrell tal-istokk imsemmi fl-Artikolu 2;
- (c) “qabdiet totali permissibbli” (TAC) tfisser il-kwantità ta' sawrell tal-Punent li tista' tinqabad u tinħatt l-art kull sena;
- (d) “tneħħija totali” tfisser il-kwantità ta' sawrell tal-Punent imneħħija mill-baħar, li tinkorpora t-TAC applikabbli u estimu tal-ħut mormi kif ikkalkulat għas-sena rilevanti skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

- (e) “indiċi tal-istħarriġ dwar il-bajd” tfisser l-għadd stmat ta’ bajd tas-sawrell li jirriżulta mill-istħarriġ triennali internazzjonali dwar il-bajd għall-kavalli u s-sawrell fl-Atlantiku, diviż b’10¹⁵;
- (f) “ħut meħlus” tfisser ħut maqbud u sussegwentement meħlus fil-baħar mingħajr ma jkun ittella’ abbord.

KAPITOLU II GĦAN GĦALL-ĠESTJONI FIT-TUL

Artikolu 4 **Għan tal-pjan**

L-għan tal-pjan huwa li l-bijomassa tas-sawrell tal-Punent tinżamm f’livell li jiżgura l-isfruttar sostenibbli tiegħu u sabiex jiġi pprovdut l-ogħla rendiment sostenibbli. Għal dan l-għan, ir-regola għall-kontroll tal-ħsad għandha tkun ibbażata, fuq bażi ugwali, kemm fuq dan il-parir prekawzjonarju mogħti għall-kundizzjonijiet medji tar-reklutaġġ kif ukoll fuq il-livelli tal-qabdiet totali permissibbli reċenti, aġġustati b’fattur li jirrifletti x-xejriet reċenti fl-abbundanza tal-istokk kif imkejjel permezz tal-produzzjoni tal-bajd.

KAPITOLU III REGOLI DWAR IL-ĦSAD

Artikolu 5 **Proċedura għall-iffissar tat-TAC**

1. Sabiex jintlaħaq l-għan stabbilit fl-Artikolu 4, kull sena l-Kunsill, li jaġixxi skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u wara konsultazzjoni mal-STEFC, għandu jiddeċiedi dwar it-TAC għas-sawrell tal-Punent għas-sena ta’ wara.
2. It-TACs għandhom jiġu stabbiliti skont dan il-Kapitolu.

Artikolu 6 **Kalkolu tat-TAC**

1. It-TAC għandu jiġi kkalkulat billi titnaqqas mit-tneħħija totali kkalkulata skont l-Artikoli 7 u 8, kwantità ta’ ħut ekwivalenti għall-ħut mormi, inkluż ħut meħlus, li seħħet is-sena ta’ qabel is-sena li fih tkun saret l-aħħar valutazzjoni xjentifika, kif stmata mill-STEFC.
2. Meta l-STEFC ma jkunx kapaċi jistma l-livell ta’ rimi, inkluż ħut meħlus għas-sena ta’ qabel is-sena li fih tkun saret l-aħħar valutazzjoni xjentifika, it-tnaqqis għandu jkun daqs l-ogħla ammont relattiv ta’ ħut mormi, li jinkludi ħut meħlus, stmat xjentifikament bħala okkorrenza matul l-aħħar 15-il sena, iżda mhux inqas minn 5%.

3. Meta t-TAC jiġi kkalkulat abbażi tat-tneħħija totali kkalkulata proviżorjament skont l-Artikolu 7(3), għandu jiġi adattat matul is-sena tal-applikazzjoni tiegħu għall-kalkolu finali tat-tneħħija.

Artikolu 7

Kalkolu tat-tneħħija totali għal sena wara l-istħarriġ dwar il-bajd

1. Meta t-TAC għandu jiġi stabbilit għal sena li ssegwi sena li fih l-istħarriġ dwar il-bajd ikun seħħ, it-tneħħija totali għandha tiġi kkalkulata abbażi tal-elementi li ġejjin:
 - (a) fattur kostanti ugwali għal 1.07, li jirrifletti żieda finali tat-tneħħija totali kif simulat f'mudelli matematiċi sottostanti, li jimmira li jżid ir-rendiment annwali mingħajr ma jikkomprometti l-għan li r-riskju għat-tnaqqis fid-daqs tal-istokk jinżamm f'livell baxx ħafna.
 - (b) it-TAC stabbilit għas-sena li fiha jkun sar l-istħarriġ dwar il-bajd, minn issa 'l quddiem "TAC ta' referenza";
 - (c) fattur ta' differenzjazzjoni stabbilit skont l-Anness, li jirrifletti x-xejriet fl-abbundanza tal-istokk abbażi tal-indiċijiet tal-istħarriġ dwar il-bajd;
 - (d) ammont minimu ta' tneħħija totali, inklużi l-estimi tar-rimi lura, ta' 75 000 tunnellata.
2. It-tneħħija totali msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi kkalkulata skont il-formula li ġejja:
$$1.07 * (75\,000 \text{ tunnellata} + (\text{TAC ta' referenza} * \text{fattur ta' differenzjazzjoni}) / 2)$$
3. Meta jkun disponibbli biss kalkolu provviżorju tal-aħħar indiċi tal-istħarriġ dwar il-bajd, it-tneħħija totali għandha tiġi kkalkulata skont il-paragrafi 1 u 2 abbażi tal-indiċi provviżorju u adattati matul is-sena tal-applikazzjoni tat-TAC rilevanti għar-riżultat aħħari tal-istħarriġ dwar il-bajd.

Artikolu 8

Kalkolu tat-tneħħija totali għas-snin sussegwenti

1. Meta t-TAC għandu jiġi stabbilit għal sena li ma ssegwix sena li fih l-istħarriġ dwar il-bajd ikun seħħ, it-tneħħija totali għandha tkun ugwali għat-tneħħija totali kkalkulata għas-sena ta' qabel.
2. Madankollu, jekk ikunu skadew aktar minn tliet snin mill-aħħar stħarriġ dwar il-bajd, ikkalkulati mis-sena li fih għandu jiġi stabbilit it-TAC, it-tneħħija totali għandha titnaqqas bi 15%, sakemm l-STEFCF ikun tal-parir li tnaqqis bħal dan ma jkunx xieraq, f'liema każ it-tneħħija totali għandha tkun ugwali għal dik ta' qabel jew ikkalkulata bi tnaqqis aktar baxx, abbażi tal-parir tal-STEFCF.

Artikolu 9
Regola tranżizzjonali għall-istabbiliment tat-TAC

1. Meta l-ewwel TAC li jkun se jiġi stabbilit skont l-Artikoli 6 u 7 jirrigwarda sena li ma ssegwix sena li fih ikun sar sħarriġ dwar il-bajd, it-TAC għandu jiġi kkalkulat skont dawk l-Artikoli daqslikieku l-aħħar sħarriġ dwar il-bajd ikun seħħ fis-sena ta' qabel.
2. Meta r-referenza għat-TAC li għandu jintuża biex jiġi kkalkulat l-ewwel TAC tiġi stabbilita għal żoni differenti minn dawk li jissemmew fl-Artikolu 2, it-TAC ta' referenza għandu jiġi kkalkulat b'konsiderazzjoni għall-pariri xjentifiċi reċenti dwar livelli xierqa tal-qabdiet, jew livelli reċenti tal-qabdiet fin-nuqqas ta' parir bħal dan, fir-rigward tad-Div iżjonijiet tal-ICES imsemmija fl-Artikolu 2.

Artikolu 10

Adattament ta' miżuri

Fil-każ li l-STEFC jagħti parir li l-indiċijiet tal-istħarriġ kif definiti fl-Artikolu 3(e) jew il-fatturi ta' differenzjazzjoni kif jissemmew fl-Artikolu 7(1)(c), jew il-fattur kostanti li jissemma fl-Artikolu 7(1)(a) ma għadhomx xierqa sabiex jinżamm riskju baxx ħafna ta' tbatil tal-istokk u rendiment għoli, l-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar valuri ġodda għal dawk l-elementi.

KAPITOLU IV
MONITORAĠĠ U SORVELJANZA

Artikolu 11

Permess speċjali tas-sajd

1. Sabiex ikunu jistgħu jistadu għas-sawrell tal-Punent, il-bastimenti għandhom ikollhom permess speċjali tas-sajd maħruġ skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1627/94 tas-27 ta' Ġunju 1994 li jniżżel ċerti dispożizzjonijiet [ġenerali] rigward permessi speċjali tas-sajd¹⁷.
2. Għandu jkun ipprojbit li kwalunkwe bastiment tas-sajd li ma jkollux permess tas-sajd kif imsemmi fil-paragrafu 1 jistad għal xi kwantità ta' sawrell jew li jżommha abbord filwaqt li l-bastiment ikun qiegħed fuq vjaġġ tas-sajd li kien jinkludi l-preżenza ta' dak il-bastiment fid-Div iżjonijiet tal-ICES imsemmija fl-Artikolu 2.
3. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi u jżomm lista ta' bastimenti li jkollhom permess speċjali msemmi fil-paragrafu 1 u li tkun tista' tinkiseb mis-sit elettroniku uffiċjali tiegħu mill-Kummissjoni u minn Stati Membri oħra.

¹⁷ ĠUL 171, 6.7.1994, p.7.

Artikolu 12
Kontroverifiki

1. L-Istati Membri għandhom iwettqu, fir-rigward tas-sawrell tal-Punent, il-kontroverifiki amministrattivi u l-verifiki tad-dejta pprovduti fl-Artikolu 19 tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93. B'mod partikolari għandha tiġi enfasizzata l-possibbiltà li speċijiet pelaġiċi żgħar, li mhumiex sawrell, jiġu rrapportati bħala sawrell, u viċi versa.
2. Għal bastimenti mġhammra b'sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti (VMS), l-Istati Membri għandhom jivverifikaw, abbażi ta' kampjunar rappreżentattiv, li l-informazzjoni li tasal fiċ-ċentri tal-monitoraġġ tas-sajd (FMC) tkun taqbel mal-attivitajiet reġistrati fil-ġurnal ta' abbord billi tintuża d-dejta tal-VMS. Dawk il-kontroverifiki għandhom jiġu reġistrati f'forma li tinqara mill-kompjuter u jinżammu għal perjodu ta' tliet snin. Għandha ssir enfażi partikolari fuq il-koerenza tad-dejta dwar iż-żoni fir-rigward tal-attivitajiet osservati f'żoni fejn jiltaqgħu l-konfini tal-istokkijiet tas-sawrell, jiġifieri d-Diviżjonijiet tal-ICES VIIIc u IXa, IVa u IVb, VIIe u VIId.
3. Kull Stat Membru għandu jżomm u jara li jkunu disponibbli għall-pubbliku, b'mod partikolari mis-sit elettroniku uffiċjali tiegħu, id-dettalji tal-kuntatt għas-sottomissjoni ta' ġurnali ta' abbord u dikjarazzjonijiet tal-ħatt.

KAPITOLU V
AZZJONI TA' SEGWITU

Artikolu 13

Evalwazzjoni tal-pjan

Il-Kummissjoni għandha, fuq il-bażi ta' pariri mill-STEFC u wara konsultazzjoni mal-Kunsill Konsultattiv Reġjonali rilevanti, tevalwa l-impatt tal-pjan fuq l-istokk tas-sawrell tal-Punent u fuq is-sajd li jisfrutta dak l-istokk, mhux aktar tard mis-sitt sena tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u wara f'kull sitt sena suċċessiva tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u, fejn xieraq, tippromovi miżuri rilevanti biex temenda l-pjan.

KAPITOLU VI
DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 14

Assistenza permezz tal-Fond Ewropew tas-Sajd

1. Għal dawk is-snin li fihom l-istokk riproduttiv jiġi stmat xjentifikament li jkun laħaq għall-inqas 130% tad-daqs li kellu fl-1982, il-pjan għandu jitqies bħala pian ta' ġestjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, u għall-finijiet ta-Artikolu 21(a)(iv) tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006.

2. Għal dawk is-snin li fihom l-istokk riproduttiv jiġi stmat xjentifikament li huwa iżgħar minn 130% tad-daqs li kellu fl-1982, il-pjan għandu jitqies bħala pjan ta' rkupru skont it-tifsira tal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, u għall-finijiet ta-Artikolu 21(a)(i) tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006.

Artikolu 15

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata mill-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

ANNES

Kalkolu tal-fattur ta' differenzjazzjoni kif jissema fl-Artikolu 7, paragrafu 1(c)

1. Il-fattur ta' differenzjazzjoni msemmi fl-Artikolu 7, paragrafu 1(c) għandu jiġi stabbilit kif ġej, abbażi tal-inklinazzjoni kkalkulata skont il-punt 2 ta' dan l-Anness:
 - (a) Jekk l-inklinazzjoni tal-indiċijiet tal-aħħar tliet sħarriġiet dwar il-bajd tkun ta' - 1,5 jew inqas, il-fattur ta' differenzjazzjoni jkun ta' 0,
 - (b) Jekk l-inklinazzjoni tal-indiċijiet tal-aħħar tliet sħarriġiet dwar il-bajd tkun akbar minn -1,5 u iżgħar minn 0, il-fattur ta' differenzjazzjoni huwa uguali għal $1 - (-\frac{2}{3} * \text{l-inklinazzjoni})$,
 - (c) Jekk l-inklinazzjoni tal-indiċijiet tal-aħħar tliet sħarriġiet dwar il-bajd tkun ta' 0 jew akbar, u mhux akbar minn 0,5 il-fattur ta' differenzjazzjoni jkun ta' $1 + (0,8 * \text{l-inklinazzjoni})$,
 - (d) Jekk l-inklinazzjoni tal-indiċijiet tal-aħħar tliet sħarriġiet dwar il-bajd akbar minn 0.5, il-fattur ta' differenzjazzjoni jkun ta' 1,4.
2. L-inklinazzjoni tal-indiċijiet tal-aħħar tliet sħarriġiet dwar il-bajd għandha tiġi kkalkulata skont il-formula li ġejja:
$$(\text{indiċi 3 tal-istħarriġ dwar il-bajd} - \text{indiċi 1 tal-istħarriġ dwar il-bajd}) / (3 - 1),$$

fejn l-indiċijiet tal-aħħar tliet sħarriġiet dwar il-bajd jitqiegħdu f'ringiela biex jimmarkaw il-punt 1, il-punt 2 u l-punt 3 fuq l-assi x ta' koordinat, biex b'hekk l-indiċi 3 tal-istħarriġ dwar il-bajd ikun l-aħħar indiċi tal-istħarriġ dwar il-bajd, u l-indiċi 1 tal-istħarriġ dwar il-bajd ikun l-indiċi stmat sitt snin qabel.